

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

**MEJJU – AWWISSU 2012** **Nru 184**

## Ir-Rabat ta' Għawdex: 125 sena bit-titlu ta' Belt
### 1887 - 10 ta' Ġunju - 2012

*Tul is-sena 2012, il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria qed ifakkar b'diversi inizjattivi l-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju minn meta r-Rabat ta' Għawdex ingħata uffiċjalment mir-Reġina Victoria ta' l-Ingilterra t-titlu ta'* ***Belt Victoria*** *– l-istess isem ħlejju li ġġorr din il-pubblikazzjoni sa mit-twaqqif tagħha fl-1981.*

*Kienu Monsinjur Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex, u Sir Adrian Dingli, Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell – l-istess żewġ Għawdxin li tlieta u għoxrin sena qabel kienu tħabtu biex Għawdex isir djoċesi għalih – li fl-ewwel xhur ta' l-1887 dawru petizzjoni fost l-ogħla nies tal-gżira biex ir-Rabat jiġi ddikjarat uffiċjalment Belt. Fid-19 ta' Marzu din intbagħtet, bi tmienja u sittin firma mehmuża, lill-Gvernatur Sir John Lintorn Arabin Simmons biex jgħaddiha lir-Reġina, li dik is-sena kienet qed tiċċelebra l-Ġublew tad-Deheb tagħha fuq it-Tron Ingliż.*

» aqra l-artiklu kollu f'paġni 6-8



DIEU ET MON DROIT.

THE MALTA GOVERNMENT GAZETTE.

No. 3202.] Friday, 10th June, 1887. [Price One Penny.

*All public acts appearing in this Gazette, signed by the proper Authorities, are to be considered as Official and obeyed as such.*
By command, WALTER HELY-HUTCHINSON, *Lieutenant Governor and Chief Secretary to Government.*

[ No. 75. ]

GOVERNMENT NOTICE.

HIS EXCELLENCY THE GOVERNOR directs it to be notified that Her Majesty the Queen, in compliance with a prayer of a petition signed by the Lord Bishop of Gozo, the members of the Chapter, and of the principal inhabitants of Gozo, has been graciously pleased to consent to the town of Rabat in that Island being on the occasion of Her Majesty's Jubilee officially declared a City and its name changed into that of "VICTORIA."

His Excellency therefore hereby declares Rabat, in Gozo, to be a City and that it be styled in all public documents by the name of "VICTORIA."

By command,

Palace, Valletta, June 10, 1887.

WALTER HELY-HUTCHINSON, *Lieutenant Governor and Chief Secretary to Government.*

NOTIFICAZIONE DI GOVERNO.

SUA ECCELLENZA IL GOVERNATORE, ordina che sia fatto noto come Sua Maestà la Regina, corrispondendo alla preghiera contenuta in una petizione firmata da Sua Eccellenza Reverendissima Monsignor Vescovo di Gozo, dal Capitolo e dai principali abitanti di quell' Isola, si è graziosamente compiaciuta di aderire a che il Rabato della suddetta Isola sia, all'occasione del Giubileo di Sua Maestà, ufficialmente dichiarato Città e che il nome ne venga cambiato in quello di "VITTORIA."

Sua Eccellenza pertanto dichiara colla presente il Rabato in Gozo Città ed ordina che in tutti gli atti pubblici sia chiamato col nome di "VITTORIA."

Per comando,

Palazzo, Valletta, 10 Giugno, 1887.

WALTER HELY-HUTCHINSON, *Luogotenente Governatore e Principale Segretario di Governo.*

## "L-imkejjen tal-kult Kattoliku u t-testi sagri tal-Liturġija m'għandhom qatt ikunu mira ta' żufjett"

**Stqarrija tal-Presbiterju Parrokkjali ta' San Ġorġ**
**5 ta' Mejju 2012**

Hu ta' dispjaċir għalina l-Presbiterju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, li waqt attività pubblika b'kommemorazzjoni ta' l-għotja ta' l-istatwa titulari ta' Marija Assunta lill-parroċċa lilha ddedikata fil-Belt Victoria, indaqq b'żufjett marċ li jevoka l-antifona f'ġieħ San Ġorġ Martri. Dan seħħ fi Pjazza Indipendenza, nhar il-Ħadd 29 ta' April 2012, inqas minn tmint ijiem fuq it-23 ta' April, jum it-tifkira liturġika ta' San Ġorġ.

L-imħabba tagħna lejn Marija Assunta u lejn San Ġorġ u, b'mod ġenerali, il-qima lejn il-qaddisin m'għandhom qatt ikunu għalina l-Kattoliċi materja ta' kontroversja. L-isem qaddis tagħhom, l-imkejjen tal-kult Kattoliku u t-testi sagri tal-liturġija m'għandhom qatt ikunu mira ta' żufjett jew jintużaw f'rivalità li la hi f'lokha u wisq inqas tista' tħalli ġid veru.

Aħna, il-Presbiterju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, nieħdu din l-okkażjoni ta' niket sabiex għal darb'oħra nsejħu għall-imġiba li tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja, tal-verità u tar-rispett reċiproku.

Aħna s-saċerdoti tal-parroċċa ta' San Ġorġ nagħmlu ħilitna ħalli ż-żewġ naħat nersqu dejjem aktar lejn xulxin sabiex iż-żewġ festi għeżież li għandna fil-Belt Victoria jsiru b'dinjità u jħallu ġid spiritwali.

F'din il-ħarġa



**L-ARĊIPRIET MIKIEL CEFAI**
*It-tielet artiklu*
paġni 12-14



**FESTA SAN ĠORĠ 2012**
paġni 10-11, 20

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Għawdex jifraħ b'Beltu

Permezz ta' din l-edizzjoni tar-rivista uffiċjali tagħha, il-Bażilika ta' San Ġorġ tingħaqad mal-Kunsill Lokali ta' beltna biex tfakkar il-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju minn meta r-Rabat ta' Għawdex ġie mogħti t-titlu uffiċjali ta' Belt bl-isem sabiħ ta' "Victoria". Dan il-ġieħ ma ġiex b'kumbinazzjoni, imma b'turija ta' gratitudni u apprezzament min-naħa ta' l-amministrazzjoni ċivili ta' l-epoka – dik Ingliża – lil din il-belt ewlenija ta' Għawdex u lill-poplu tagħha.

Din beltna, sa mill-qedem, dejjem kienet iċ-ċentru amministrattiv u kulturali tal-poplu Għawdxi, kif ukoll imkien ta' kenn għalih fi żminijiet ta' ħbit mill-għadu. L-istorja tgħallimna kif ir-Rabat ta' Għawdex, ġeografikament fil-qalba tal-gżira, kien u għadu ċ-ċentru soċjali u ekonomiku tagħha.

Dan qed inkomplu narawh u napprezzawh anki fi żmienna, fejn il-folja ma nqalbitx wisq, anzi r-Rabat kiber fl-importanza tiegħu. Il-Belt Victoria għadha sal-lum tokkupa post ċentrali u strateġiku fil-ħajja ta' Għawdex u l-Għawdxin. Dan jitlob iktar sens ċiviku milli rajna s'issa min-naħa taċ-ċittadini Rabtin, waqt li jpoġġi wkoll responsabbiltà akbar f'idejn l-amministrazzjoni ċivili, li, nemmnu, għandha tagħti kas iżjed ta' l-esiġenzi partikulari ta' din il-Belt. Fost l-oħrajn, bħala wlied kburin li nħobbu din il-belt tagħna, nixtieq━ naraw aktar investiment fir-Rabat, bi proġetti kapitali, oħrajn ta' tisbiħ u manutenzjoni, u proġetti li jagħtu valur miżjud lil din il-belt. Hekk, bl-isbaħ libsa possibbli, tkun tista' tilqa' lill-Għawdxin, il-Maltin u l-barranin li jżuruha kuljum.

Hu ta' unur ukoll għalina li din ir-rivista, sa mit-twaqqif tagħha, iġġib propju isem din il-Belt. Kemm kienu għaqlin ta' qabilna u kemm qraw tajjeb l-istorja! Għax il-parroċċa Ġorġjana sa mill-qedem kienet fil-qalba tal-ħajja tal-poplu Rabti u Għawdxi. U San Ġorġ, il-Patrun tal-Belt Victoria u ta' Għawdex, hu isem li twaħħad ma' l-istorja għanja ta' beltna. Għalhekk, il-parroċċa Ġorġjana bir-raġun tifraħ f'dan l-anniversarju, għaliex hi tat sehemha wkoll biex ir-Rabat, il-lum il-Belt Victoria, ikun benniena kulturali u soċjali tal-gżira Għawdxija.

## KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

06/05/2012 **Miguel**, bin Andrea Mejlak u Noel Mercieca
27/05/2012 **Elise**, bint George Schembri u Jacqueline Zammit
10/06/2012 **Catherine**, bint Aaron George Grech u Emily-Louise Quinlan
03/07/2012 **Giuseppe**, bin George Cini u Josanne Farrugia
07/07/2012 **Estelle**, bint George Spiteri u Rowena Vella
11/08/2012 **Sofia**, bint Filippo Giannini u Giovanna Basilotta
26/08/2012 **Hamish**, bin Georgine Valerie Ellis u Ian Hay Thompson Brown

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

19/05/2012 **Marylin Gatt** u **Frank Anthony Camilleri**
25/05/2012 **Charmaine Cassar** u **Joseph C. Cordina**
26/05/2012 **Samara Said** u **Adrian Grech**
02/06/2012 **Amanda Attard** u **Kenneth Agius**
09/06/2012 **Stefan Spiteri** u **Natasha Farrugia**
16/06/2012 **Karen Lupi Spencer** u **Richard Scerri**
23/06/2012 **Adriana Mallia** u **Alexander Sciclуna**
30/06/2012 **Daniela Attard** u **Matthew Sciortino**
06/07/2012 **Georgina Schembri** u **Joseph Spiteri**
07/07/2012 **Anthony Mizzi** u **Jessica Cordina**
20/07/2012 **Francesca Elizabeth Attard** u **Edward Anthony Smith**
28/07/2012 **Elaine Falzon** u **Jason Bugeja**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

02/05/2012 **Maria Carmela Apap**
25/05/2012 **Paul George Zammit**
16/06/2012 **Maria Gatt**
23/06/2012 **Antonietta Frendo**
05/07/2012 **Carmelo Buttigieg**
21/07/2012 **Emmanuel Galea**
14/08/2012 **Natalina Cutajar**

Grazzi mill-qalb lil dawk li wieġbu għall-appell tagħna għal iktar donazzjonijiet b'riżq din ir-rivista.
*Komplu għinuna, għax neħtieġu ħafna iżjed! Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom (f'ċekk indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) fuq l-indirizz tagħna, inkella wassluhom personalment fl-Uffiċċju Parrokkjali.*
- Mons. Coronato Grima (Victoria) – €10

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Mons. Anton Borg, Mario Casha, Andrew Formosa
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# ANNIVERSARJI PRESBITERALI

*Is-sena 2012 hi waħda speċjali għal erba' saċerdoti mill-parroċċa tagħna li matulha qed ifakkru l-ġublew presbiterali tagħhom. **L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca**, Arċisqof Emeritu ta' Malta, u **Mons. Saver Calleja**, Primiċerju tal-Kolleġġjata Ġorġjana, qed ifakkru s-sittin anniversarju; **il-Kan. Ġwann Gauci**, membru tal-Kolleġġjata Ġorġjana, qed ifakkar il-ħamsin anniversarju; u **Dun Fabio Attard** SDB, Kunsillier għall-Pastorali maż-Żgħażagħ tal-Kongregazzjoni Salesjana, qed ifakkar il-ħamsa u għoxrin anniversarju. Lil dawn l-erba' saċerdoti, tnejn residenti fil-komunità parrokkjali tagħna, u tnejn oħra qed jagħtu servizz band'oħra, nifirħulhom u nwiegħduhom talbna.*

## *Ġublew tad-Djamanti*

### Mons. Saver Calleja



Mons. Saver Calleja twieled il-Belt Victoria, Għawdex, fil-21 ta' Lulju 1926, minn Luigi u Maria Dolora mwielda Sammut, u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Wara l-istudji tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern u fil-Liċew ta' Għawdex, fl-1945 hu daħal fis-Seminarju ta' Għawdex, fejn għamel tliet snin ta' studji fil-Filosofija. Imbagħad fl-1948 mar kompla bil-formazzjoni tiegħu għas-saċerdozju fil-Kulleġġ Franċiż f'Ruma, fejn għamel l-istudji tiegħu fit-Teoloġija fl-Università Pontifiċja *Gregoriana*.

Dun Saver ġie ordnat saċerdot fil-knisja ta' San Ġakbu, fil-Belt Victoria, nhar it-8 ta' Marzu 1952. Miegħu kien hemm saċerdot ieħor mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp Mercieca, li iktar tard sar Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex u eventwalment Arċisqof Metropolita ta' Malta; kif ukoll Dun Anton Bajada, minn Ta' Sannat, il-lum mejjet. Dun Saver iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ nhar l-20 ta' April 1952. Fl-1953 hu rċieva l-Liċenzjat fit-Teoloġija mill-Università *Gregoriana*.

Sa minn wara l-ordinazzjoni presbiterali, Dun Saver ta servizz għal diversi snin bħala għalliem. Bejn l-1953 u l-1966 għallem il-Franċiż fis-Seminarju ta' Għawdex, u wara kompla jgħallem dan is-suġġett u r-Reliġjon fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet *Agius de Soldanis* fil-Belt Victoria, fejn dam sa l-1978. Għal tliet snin kien ukoll jiċċelebra l-Quddiesa ta' kuljum għall-komunità tas-Sorijiet tal-Karità fil-Konservatorju ta' l-Isqof, ir-Rabat.

Mons. Calleja dejjem offra s-servizzi tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ, speċjalment bid-disponibbiltà tiegħu bħala konfessur fis-sagrament tal-Qrar. Għal tliet snin hu kien jiċċelebra l-Quddiesa tat-8.00am ta' nhar ta' Ħadd, waqt li sal-lum għadu jagħmel il-Quddiesa ta' l-ewwel fil-parroċċa tagħna, li nistgħu ngħidu li hi waħda mill-aktar Quddies li joħorġu kmieni fid-djoċesi.

Fl-1976, hu kien wieħed mill-kanonċi l-ġodda magħżula mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi biex jiffurmaw il-Kapitlu ġdid tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Wara bosta snin bħala Penitenzier ta' dan il-Kapitlu, f'Lulju 2009, il-Kan. Saver Calleja ġie maħtur Primiċerju, li hi l-ħames l-ogħla dinjità.

### L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca



Mons. Ġużeppi Mercieca twieled fid-dar tal-ġenituri tiegħu, Franġisku Saverju u Giovanna mwieleda Vassallo, fi Triq il-Providenza, il-Belt Victoria, Għawdex, nhar il-11 ta' Novembru 1928. Hu kien il-kbir fost tliet aħwa; iż-żgħir, Ġanni, ukoll sar saċerdot u iktar tard Kanonku u Penitenzier ta' San Ġorġ. Fil-Magħmudija, jumejn wara, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mid-dar tal-Familja Mercieca, ingħata l-ismijiet ta' Giuseppe, Antonio, Giovanni u Giorgio. Żewġ zijiet tiegħu min-naħa ta' missieru, Ġorġ u Anton, ukoll kienu saċerdoti ta' San Ġorġ u Monsinjuri tal-Katidral.

Ġużeppi ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola tal-Gvern, ir-Rabat. Wara daħal fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, u wara l-istudji li għamel hemm, ġie ordnat saċerdot nhar it-8 ta' Marzu 1952, mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, fil-knisja ta' San Ġakbu, fil-Belt Victoria. Fis-27 ta' April, hu ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

Dun Ġużepp kompla l-istudji tiegħu fil-Filosofija, it-Teoloġija u d-Drittu Kanoniku f'Ruma, kemm fl-Università Gregorjana u kemm f'dik Lateranensi, waqt li ssokta jistudja l-Ingliż Londra. Fi tmiem dawn is-snin ta' studju, iggradwa



b'dottorat fit-Teoloġija u ieħor *utriusque iure* fil-Liġi Kanonika u Ċivili. Lura Għawdex, bejn l-1958 u l-1969, huwa okkupa l-kariga ta' Rettur tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, fejn għallem ukoll l-Istorja, l-Ingliż, il-Filosofija, it-Teoloġija Dommatika u l-Liġi Kanonika. Fl-1969, il-Papa Pawlu VI tah l-uffiċċji ta' Mħallef fis-*Sacra Romana Rota* u ta' Kummissarju fil-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi u d-Dixxiplina tas-Sagramenti.

Fis-27 ta' Lulju 1974, Mons. Mercieca, li kien ukoll membru tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, irċieva l-ħatra tiegħu bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta, bis-Sede Titulari ta' Gemellæ fin-Numidja. Huwa rċieva l-Ordinazzjoni Episkopali fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, nhar id-29 ta' Settembru 1974, minn idejn il-predeċessur tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, flimkien ma' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi u l-Isqof Francesco Ricceri. Aktar tard huwa laħaq Vigarju Ġenerali, sakemm nhar id-29 ta' Novembru 1976, huwa nħatar Arċisqof Metropolita ta' Malta. Fit-12 ta' Diċembru għamel l-ingress solenni tiegħu.

Matul it-tletin sena ta' episkopat tiegħu, immarkati tassew fl-ispirtu tagħhom mill-motto li għażel "Ilkoll Aħwa fi Kristu", Mons. Mercieca ta kontribut kbir lill-Knisja f'Malta u Għawdex fi żmien ta' transizzjoni u riformi importanti. Quddiemu bħala ragħaj spiritwali ġdid ta' Malta, hu sab bosta sfidi. Il-pajjiż kien għadu ferut minn sitwazzjoni politiko-reliġjuża diffiċli, u hu ra li kienet il-missjoni tiegħu dik li juri lill-poplu ta' Alla li l-Knisja kienet qribhom. L-umiltà u s-sens ta' smigħ tiegħu, li jibqgħu karatteristika tal-personalità modesta tiegħu, servew ta' bażi għall-episkopat kollu. Fi żmienu seħħu bosta żviluppi importanti fl-Arċidjoċesi, bħat-twaqqif ta' kunsilli djoċesani u parrokkjali, il-ħolqien tal-*Media Centre* u l-istazzjon tar-radju tal-Knisja *RTK*, kif ukoll il-ftehim bejn Knisja u Stat fuq il-propjetà tal-Knisja u l-iskejjel. Bħala parti mit-tiġdid fid-djoċesi, fl-1999 nieda Sinodu Djoċesan.

Fil-11 ta' Ġunju 1991, l-Arċisqof Mercieca ġie maħtur membru tat-Tribunal Suprem tas-Senjatura Appostolika. Fl-1992, sar Konsultur tas-*Sacra Romana Rota* u aktar tard Mħallef tas-Segreterija Appostolika. Fl-1995, ġie maħtur membru tax-Xirka *Ġieħ ir-Repubblika*, u hu wkoll Kappillan Konventwali *Gran Croce* ta' l-Ordni ta' Malta.

F'Diċembru 2006, fl-età ta' 78 sena, Mons. Mercieca ppreżenta r-riżenja tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta, u għażel li jirtira fil-Palazz ta' l-Isqof fl-Imdina, fejn għadu joqgħod sal-lum.

*Nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu 2012, fil-11.00am, l-Arċisqof Mercieca mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Radd il-Ħajr għall-Ġublew tad-Deheb tiegħu, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, li fiha kkonċelebraw miegħu l-Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, Mons. Mario Grech, flimkien mal-membri ta' l-istess Kapitlu u l-kleru ta' San Ġorġ.*

*Fil-bidu tal-Quddiesa, l-Isqof Grech għamel riferenza għall-karattri umli u ġentili ta' Mons. Mercieca, bniedem li qatt ma fittex unuri. Mons. Grech irrifera indirettament għall-perjodu mqalleb ta' l-episkopat ta' Mons. Mercieca u qal li l-ministeru episkopali tiegħu kien immarkat minn żminijiet iebsin. Fl-omelija tiegħu, l-Arċisqof Mercieca tkellem dwar l-għeruq Għawdxin tiegħu u s-snin ta' tfulitu fir-Rabat ta' Għawdex, qrib il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn il-familja tiegħu, "Tal-Mewta", kellha u għad għandha dverna ta' l-inbid.*

*Lejn tmiem il-Konċelebrazzjoniji, l-Arċipriet Pawlu Cardona f'kelmtejn li għamel qal: "Il-lum il-Parroċċa tagħna tħoss li għandha tilbes libsa ta' festa u tesprimi sentimenti ta' ferħ. Dan għaliex trid taqsam miegħek dan ir-radd il-ħajr lil Alla għas-sittin sena ta' ħajja saċerdotali. Din il-parroċċa, bħala 'omm ferħana b'uliedha', ferħet meta ratek titwieled fi ħdanha għall-ħajja tal-grazzja fil-Magħmudija nhar l-14 ta' Novembru 1928. Din il-parroċċa tħares lura lejn dawn is-sittin sena b'sodisfazzjon u ferħ, meta tara l-mixja li għamilt b'impenn sħiħ għall-ġid tad-Djoċesi Għawdxija, tal-Knisja Universali, u wara, għal kważi 34 sena, bħala Isqof fl-Arċidjoċesi ta' Malta". Imbagħad ippreżenta lill-Arċisqof replika żgħira tal-kwadru titulari ta' Preti. Min-naħa tiegħu, l-Arċisqof Mercieca ta bħala rigal lill-Bażilika l-istess kalċi li z-zijiet saċerdoti tiegħu kienu tawh fl-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, u li dejjem kien juża biex jiċċelebra l-Quddiesa meta jiġi Għawdex.*



*Għall-okkażjoni kien hemm preżenti d-Delegazzjoni Għawdxija ta' l-Ordni ta' Malta, li tiegħu Mons. Mercieca hu Kappillan Konventwali "Gran Croce". Il-familjari u ħbieb, flimkien mas-saċerdoti konċelebranti, wara ngħaqdu miegħu għal Pranzu fid-Dar Parrokkjali.*

# Ġublew tad-Deheb

## Kan. Ġwann Gauci



Il-Kan. Ġwann Gauci twieled il-Belt Victoria, Għawdex, fis-27 ta' Diċembru 1937, festa ta' San Ġwann l-Evanġelista, u fil-fatt il-ġenituri tiegħu għammduh bl-isem ta' dan l-Appostlu. Hu rċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern fir-Rabat, u mbagħad kompla bl-istudji tiegħu fil-Liċew u fis-Seminarju ta' Għawdex, mnejn ġie ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace fis-7 ta' April 1962, fil-Katidral ta' l-Assunta. Mill-grupp ta' seba' presbiteri ġodda, Dun Ġwann kien l-uniku wieħed mir-Rabat. L-Ewwel Quddiesa Solenni ċċelebraha fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-parroċċa tiegħu, nhar l-20 ta' Mejju 1962.

Sa minn dritt wara l-ordinazzjoni tiegħu, jiġifieri minn Lulju 1962 sa Settembru 1979, Dun Ġwann serva bħala Sagristan Maġġuri fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn kien responsabbli mill-orarju tal-Quddies ta' kuljum, il-ġbir u t-tqarbin fil-Quddies kollu kif ukoll il-Qrar, u kien imexxi wkoll it-talb ta' kuljum mal-poplu. Barra minn hekk, Dun Ġwann kien jagħmilha ta' ċerimonier fil-funzjonijiet kollha tal-knisja, inkluż il-Barka Sagramentali ta' kull fil-għaxija. Hu kien jiċċelebra l-ewwel Quddiesa tal-Ħadd, fl-4.00am, u meta s-sagristan maġġur l-ieħor ħalla mid-dmirijiet tiegħu, ħa f'idejh ukoll dik ta' kuljum fl-4.15am. Fil-parroċċa tagħna hu ħa ħsieb ukoll jorganizza d-diveri prokuri li kienu għadhom imxerrda fid-djar tal-prokuraturi li kellha l-Bażilika sa żmienu. Fl-1976, hu ġie magħżul mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi biex ikun wieħed mill-ewwel kanonċi tal-Kolleġġjata l-ġdida ta' San Ġorġ.

Bejn l-1962 u l-1970, Dun Ġwann kien jgħallem il-Katekiżmu fl-Oratorju Don Bosco, u għal bosta snin kien ukoll direttur spiritwali ta' żewġ *præsidia* tal-Leġjun ta' Marija. Barra minn hekk, hu kien l-aħħar prokuratur djoċesan tal-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ċċelebrata fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali fil-Belt Victoria.

Fil-Kurja ta' l-Isqof, Dun Ġwann okkupa diversi karigi bejn l-1979 u l-1992. Fost l-oħrajn, hu kien membru fil-Kummissjoni Djoċesana għall-Organizzazzjoni tal-Kleru sa mill-bidu tagħha. L-aħħar minn dawn il-karigi kienet dik ta' direttur ta' l-Uffiċċju tal-Propjetà, sa ma l-propjetà kollha tal-Knisja fl-1992 għaddiet għand il-Gvern.

Għal dawn l-aħħar tnejn u tletin sena, Dun Ġwann jiċċelebra regolarment il-Quddiesa tas-7.00am fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

# Ġublew tal-Fidda

## Dun Fabio Attard SDB



Dun Fabio Attard, bin Ġorġ u Stella, twieled il-Belt Victoria, Għawdex, fit-23 ta' Marzu 1959 u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana. Trabba fi ħdan l-Oratorju Don Bosco u ikar tard kien ferm impenjat fil-ħajja pastorali tal-parroċċa ta' San Ġorġ. Ma' tmiem l-iskola sekondarja, beda l-formazzjoni tiegħu għas-saċerdozju fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.

Aktar tard, ingħaqad mal-Kongregazzjoni Salesjana u għamel il-professjoni solenni fit-8 ta' Settembru 1980. In-novizzjat għamlu f'Dublin, l-Irlanda, u wara ssokta jistudja t-Teoloġija fl-Università Pontifiċja Salesjana ta' Ruma. Fil-11 ta' Lulju 1986, ġie ordnat djaknu fil-Bażilika ta' San Ġorġ mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, fl-unika ordinazzjoni sagra li dan l-Isqof mexxa fil-knisja parrokkjali Ġorġjana. Wara l-istudji tat-Teoloġija, speċjalizza fit-Teoloġija Morali fl-Akkademja Alfonsjana ta' Ruma. Fl-4 ta' Lulju 1987, ġie ordnat presbiteru mill-Kardinal Salesjan Josè Castillo Lara mill-ġdid fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

Bejn l-1988 u l-1991, Dun Fabio ħadem fit-Tunesija fejn flimkien ma' Salesjan ieħor kien inkarigat biex iwaqqaf mill-ġdid il-preżenza Salesjana f'wieħed mis-subborgi ta' Tunis. Minn hemm reġa' ġie msejjaħ Malta biex jaħdem fl-iskola Salesjana ta' *St Patrick's* u l-Oratorju f'Tas-Sliema. Sar rettur ta' l-Oratorju fl-1993 u sena wara sar rettur ta' l-Iskola *St Patrick's*.

Kompla l-istudji tiegħu f'Dublin fl-1996 fejn għamel riċerka fuq il-Beatu John Henry Newman, li kien ikkonverta minn Anglikan għal Kattoliku, li dwaru ħareġ żewġ studji interessanti, fl-2002 u fl-2008. Fl-1999, Dun Fabio ggradwa bit-titlu ta' *Doctor Divinitatis* mill-*Milltown Institute for Philosophy and Theology* tal-Ġiżwiti. Immedjatament wara, ġie msejjaħ mill-Università Salesjana ta' Ruma bħala professur tat-Teoloġija Morali u l-Ispiritwalità. Barra li mexxa diversi istituzzjonijiet u għallem f'universitajiet, fost ħidmiet oħra, fl-2005 Dun Fabio

waqqaf l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

F'Marzu 2008, Dun Fabio ġie maħtur Kunsillier għall-Pastorali maż-Żgħażagħ tal-Kongregazzjoni Salesjana, pożizzjoni li biha sar wieħed mill-kapijiet Salesjani. Bħala Kunsillier, hu responsabbli biex janima u jiggwida l-attività Salesjana kemm pastorali u edukattiva fid-diversi oqsma tagħha fost ir-reġjuni fid-dinja Salesjana. Fil-fatt din il-pożizzjoni tirrikjedi ħafna kuntatti u vjaġġar qalb il-provinċji Salesjani mferrxa f'xi 132 pajjiż, biex tgħinom jiżviluppaw proġetti fl-ispirtu ta' Don Bosco u biex iwieġbu għall-ħtiġijiet skond iċ-ċirkustanzi tal-mument.

Minkejja d-diversi impenji tiegħu f'Malta u barra, lil Dun Fabio kemm-il darba narawh fostna biex jgħaddi ftit ħin fi ħdan il-komunità parrokkjali Ġorġjana li hu baqa' jgħożż tant.

*Dun Fabio ċċelebra l-Ġublew Presbiterali tal-Fidda tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-kuntest tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ f'April 2012. Nhar is-Sibt 21 ta' April, fit-8.00pm, sar Kunċert ta' Mużika Sagra f'ġieħu fil-Bażilika, bis-sehem tal-Kor* Laudate Pueri *tal-Bażilika taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, li kanta motetti sagri, kif ukoll ta' kwartett mill-*Cappella Pontificia Sistina *taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella, Direttur tal-Kappella Papali, li hu wkoll Salesjan u ħabib kbir ta' Dun Fabio, u li onorah bil-preżenza tiegħu għal dawn il-festi. Fost il-mistiedna distinti kien hemm l-E.T. Mons. Enrico dal Cavolo, Rettur ta' l-Università Pontifiċja Lateranensi ta' Ruma, li hu wkoll Salesjan u ħabib ta' Dun Fabio.*



*L-għada l-Ħadd 22 ta' April, fil-11.00am, Dun Fabio mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, u l-E.T. Mons. Enrico dal Cavolo, assistew minn fuq it-tronijiet tagħhom fuq il-presbiterju. L-Isqof Dal Cavolo għamel ukoll l-omelija sabiħa bit-Taljan, waqt li l-Isqof Grech, wara l-omelija, mexxa r-Rit tal-Konfirmazzjoni ta' Giorgia Attard u Giorgio Mallia, żewġ neputijiet ta' Dun Fabio, li għamlilhom parrinu. Għall-okkażjoni kien hemm preżenti bosta familjari u ħbieb ta' Dun Fabio, mill-qrib u mill-bogħod, li wara akkumpanjawh għall-pranzu fid-Dar Parrokkjali.*

---

VICTORIA A MAGNA MAXIMA 125 SENA 1887 - 2012 BELT

*...jaqbad mill-qoxra*

*Fl-erba' raġunijiet li ta għat-talba ta' l-Għawdxin għall-ġieħ ta' Belt, l-Isqof Pietru Pace sostna li r-Rabat kien jixraqlu jingħata dan it-titlu, mhux biss b'tifkira dejjiema tal-Ġublew u biex tissaħħaħ l-imħabba ta' l-Għawdxin lejn il-monarka, imma wkoll għax kienet drawwa li reġjun b'katidral tiegħu bħala sede veskovili jingħata dan il-ġieħ, u r-Rabat kellu l-kwalitajiet kollha.*

*It-tweġiba tal-Maestà Tagħha ntbagħtet fid-19 ta' Mejju permezz ta' Sir Henry Holland, is-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, imma kien biss fl-4 ta' Ġunju li l-Gvernatur għarraf lill-Isqof Pace li r-Reġina kienet laqgħet bil-ferħ it-talba ta' l-Għawdxin. Kien imbagħad fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-10 ta' Ġunju 1887 li tħabbar li r-Rabat ta' Għawdex kien ġie "uffiċjalment iddikjarat Belt u l-isem tiegħu mibdul għal dak ta' 'VICTORIA'".*

*F'din l-okkażjoni storika ta' ferħ, qegħdin nippubblikaw artiklu ta'* **Dun Geoffrey George Attard**.

Nhar l-10 ta' Ġunju 1887, hekk kif l-Imperu Brittaniku kien qed jiċċelebra madwar id-dinja kollha l-Ġublew tad-Deheb tar-Reġina Victoria, il-belt antika tar-Rabat fil-qalba tal-gżira Għawdxija ġiet iddikjarata uffiċjalment bħala 'belt' u isimha mibdul għal Victoria.[1]

**Oriġni urbani**

L-istudjużi ma jaqblux bejniethom dwar fejn kienet il-belt antika ta' Għawdex. Madankollu hemm qbil ġenerali li din oriġinat qrib iċ-ċentru ġeografiku tal-gżira matul Żmien il-Bronż.[2] L-arkeologu Anthony Bonnano jisħaq li kien hemm belt fl-għoli u belt għad-dell tagħha; dan is-suġġeriment jidher li huwa fi qbil mal-fehma ta' missier l-istorjografija Għawdxija l-Kan. Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, kif insibu miktub fil-ktieb magħruf tiegħu *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano*.[3] Bonanno jgħid li "il-belt ewlenija ta' Għawdex, li bħal dik ta' Malta, kienet tinsab kważi fiċ-ċentru tal-gżira, kienet tokkupa biss parti mill-għolja li fuqha kienet tinsab u b'akropoli fuq promontorju wisq aktar fl-għoli lejn it-tramuntana tagħha".[4] Hu x'inhu, jibqa' l-fatt li r-Rabat kien sa mill-qedem fil-qalba ċentrali tal-gżira ta' Għawdex fejn evolviet kull tip ta' ħajja.[5]

**It-toponomastika tar-"Rabat"**

It-toponomastika tal-belt il-qadima ta' Għawdex ilha suġġett ta' kontroversja. Bonnici jikkwota lil Magri u jgħid li "Rabat" ġejja mill-Kartaġiniż u huwa terminu femminili li jfisser "kbira" jew inkella xi alla mara tal-qedem.[6] Min-naħa l-oħra Bezzina huwa tal-fehma li t-terminu ġej mill-Għarbi *rabid* li jfisser "subborg", minħabba li r-Rabat jinsab 'il barra mill-ħitan tal-Gran Kastell jew iċ-Ċittadella.[7] Huwa fatt ċert li madwar is-sena 1667 aktar min-nofs tal-popolazzjoni ta' Għawdex kienet ħarġet miċ-ċentru urban tal-gżira u nfirxet mal-kampanja.[8]

**Għawdex taħt l-Ingliżi**

Bħala parti mill-arċipelagu Malti, Għawdex kien sar uffiċjalment parti mill-Imperu Brittaniku meta Malta

kienet ipproklamata kolonja tal-Kuruna fl-1813, u b'hekk bdiet tinkiteb paġna ġdida fl-istorja tal-Baħar Nofsani.[9] Għawdex kellu l-ġrajja partikulari tiegħu fi żmien il-perjodu Ingliż, l-aktar minħabba li kien taħt din il-ħakma barranija li l-Għawdxin mexxew 'il quddiem ix-xewqa tagħhom li gżirithom issir djoċesi għaliha. L-ewwel tentattiv għal djoċesi Għawdxija kien sar b'talba tat-30 ta' Ottubru 1798, u f'Diċembru 1836, l-Għawdxin ippruvaw mill-ġdid.[10] Madankollu l-Isqfijiet ta' Malta ma kinux favur ħaġa bħal din. Ix-xewqa ta' l-Għawdxin setgħet biss issir realtà jekk nies Għawdxin stess f'pożizzjoni importanti jitħabtu għaliha. Dan kellu jseħħ fil-persuna ta' Sir Adrian Dingli, avukat prominenti Għawdxi, u ta' Dun Pietru Pace, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat u Isqof futur ta' Għawdex. Wara ħafna xogħol u korrispondenza, u bl-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet Brittaniċi f'Malta, Għawdex ingħata d-djoċesi tiegħu nhar is-16 ta' Settembru 1864 minn għand il-Papa Piju IX, il-lum beatu.[11]



**Lejn status ta' belt**
Iż-żewġ ġentlomi li tħabtu biex Għawdex jingħata djoċesi għalih kellhom ikunu l-istess tnejn li ħadmu biex ir-Rabat ta' Għawdex jingħata t-titlu ta' Belt. Huma riedu b'hekk jgħollu 'l fuq l-isem ta' Għawdex; m'hemmx dubju li kienu konxji mill-fatt li Għawdex kien anki għal xi żmien awtonomu taħt il-ħakma Franċiża fi żmien l-Arċipriet Saver Cassar.[12] Sir Adrian Dingli kien deskritt bħala "wieħed mill-aktar ulied nobbli u kapaċi ta' Malta" u kien anki iben Sir Paul Dingli, President tal-Qorti ta' l-Appell kif ukoll Membru għal Għawdex fil-Kunsill tal-Gvern fl-1849; hu kien anki ntbagħat lejn Turin fl-1863 biex jinnegozja mal-Konti Cavour it-Trattat ta' Estradizzjoni bejn Malta u s-Saltna l-ġdida ta' l-Italja li kienet għadha kemm twaqqfet.[13] Dingli kellu wkoll



ħbieb influwenti f'Ruma, fosthom il-Kardinal Antonelli, li kien Segretarju ta' l-Istat għall-Papa Piju IX, u fl-1880 kien mogħti l-uffiċċju ta' Prim Imħallef ta' Malta. Dun Pietru Pace, min-naħa l-oħra, li kien ukoll Għawdxi, kien magħruf għall-għerf tiegħu f'diversi oqsma, imma l-aktar fl-Iskrittura, fit-Teoloġija u fl-Ilsna Orjentali. Fl-1877, meta kellu biss sitta u erbgħin sena, kien ikkonsagrat Isqof ta' Għawdex mill-Kardinal Howard f'Ruma.[14] Wara l-mewt ta' Monsinjur Carmelo Scicluna, hu sar is-suċċessur tiegħu bħala Isqof ta' Malta. Dingli u Pace kienu żewġ personalitajiet distinti li mexxew in-negozjati mal-Kuruna biex ir-Rabat ta' Għawdex jingħata l-grad ta' belt.

**Ir-Reġina Victoria**
Fl-1887, l-Imperu Brittaniku kien qed iħejji għaċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ il-Ġublew tad-Deheb tar-Reġina Victoria. Il-Prinċipessa Victoria Alexandrina twieldet fil-Palazz ta' Kensington f'Londra nhar l-24 ta' Mejju 1819, bint il-Prinċep Edward Duka ta' Kent u r-raba' iben tar-Re Ġorġ III, u l-Prinċipessa Victoria Leningen ta' Saxe-Coburg. Meta zijuha William IV sar Re, hi saret il-werrieta prinċipali tat-Tron. Meta miet mingħajr ulied leġittimi nhar l-20 ta' Ġunju 1837, hi saret awtomatikament ir-Reġina ta' l-Ingilterra. Kienet inkurunata Reġina fl-Abbazija ta' Westminster nhar it-28 ta' Ġunju 1838.[15] Ir-Reġina Victoria kienet l-aktar monarka Ingliż li dam isaltan; meta mietet fit-22 ta' Jannar 1901, hi kienet ilha madwar erbgħa u sittin sena reġina. Barra minn hekk, kienet l-aktar monarka li kellu sudditti fl-istorja kollha tad-dinja.[16] Kien għalhekk unur kbir li nhar l-10 ta' Ġunju 1887, ir-Rabat ingħata l-isem ta' "Victoria"







għal dik li kienet mhux biss Reġina tal-Gran Brittanja u l-Irlanda, imma wkoll Imperatriċi ta' l-Indja u r-ras ta' imperu li kien jgħodd madwar kwart tal-popolazzjoni tad-dinja.

Funtana bi skrizzjoni tfakkar din il-ġrajja u tinsab fil-Pjazza tal-Katidral fiċ-Ċittadella ta' Għawdex.[17] Dan minn barra li fl-arma tar-Rabat jidhru l-ittri jew inizjali "V.R." li jfissru *"Victoria Regina"*. Il-poplu ta' Għawdex kien ippreżenta biċċa bizzilla fina lir-Reġina bħala radd il-ħajr għal dan il-ġest sabiħ tagħha.[18] Ikun xieraq li fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju prestiġjuż, issir fil Belt Victoria statwa li tirrappreżenta lil din ir-reġina maħbuba u titqiegħed f'post prominenti fi Pjazza Indipedenza biex tkun imfakkra ġrajja hekk kbira fl-annali ta' l-istorja tal-Gżira tat-Tliet Għoljiet.


Eccellenza

Gli abitanti di Gozo apparecchiandosi a festeggiare la lietissima ricorrenza del cinquantesimo anniversario dell'Ascensione al Trono di Sua Maestà la Regina desiderano vivamente, che un qualche perenne ricordo nella Isola possa tramandare ai posteri il faustissimo avvenimento.

Pertanto i sottoscritti a nome proprio e dei loro Compatriotti supplicano l'Eccellenza Vostra, che il Rabato col suo circondario sia officialmente dichiarato Città col nome della loro amata Sovrana Vittoria. E della grazia

Canco Cantore Antonio Cauchi Vicario Genle

Dr Luigi Bondì

Arcipte Felice Refalo.

Arcid. Dr Giuseppe Mizzi.

Avvocato Giuseppe ...

A Giardina P. A.

## Riferenzi


[1] Joseph Bezzina, *Gozo. A Historical Glimpse* (=Gualitana 6), Valletta 1988, 13.
[2] Pawlu Mizzi, *"In Search of Gozo's Ancient Town: Written and Non-Written Sources"*, in *A Focus on Gozo*, edited by Joseph Farrugia & Lino Briguglio, Malta 1996, 121.
[3] Ibid.
[4] Anthony Bonnano, *Roman Malta. The Archaeological Heritage of the Maltese Islands*, edited by Giuseppe Castelli & Charles Cini, Formia 1992, 30.
[5] Alexander Bonnici, *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-ewwel Parroċċi ta' Għawdex*, Malta 1975, 16.
[6] Manwel Magri, *Three Punic Inscriptions Re-Discovered in Malta*, Malta 1901, ikkwotat f'Ibid.
[7] Bezzina, *Gozo*, 13.
[8] Bezzina, *"The Development and Consolidation of the Village Unit in Gozo after 1575"*, in *Gozo and its Culture*, edited by Lino Briguglio & Joseph Bezzina, Malta 1995, 71.
[9] Ann Williams, *"Britain and the Mediterranean, 1800-1960"*, in *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society*, edited by Victor Mallia-Milanes, Malta 1988, 37.
[10] Bezzina, *"Church and State in an Island Colony"*, in *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society*, edited by Victor Mallia-Milanes, Malta 1988, 60.
[11] Ibid, 61.
[12] Joe Debono, *Gozo under the French. A 141-day Saga*, Malta 1988, 45.
[13] *Malta and Gibraltar Illustrated*, compiled and edited by Allister Macmillan, London 1915, 391.
[14] Ibid, 394.
[15] Roy Strong, *A History of Kingship and the British Monarchy*, London 2005, 372.
[16] Mike Ashley, *British Monarchs. The Complete Genealogy, Gazetteer and Biographical Encyclopaedia of the Kings & Queens of Britain*, London 1998, 687-692.
[17] Anton Gauci, *Gozo – A Historical and Tourist Guide to the Island*, Malta 1969, 25.
[18] A.V. Laferla, *British Malta*, Malta 1938, 169.


**Ritratti**

*Fil-qoxra, maġenb it-titlu:* L-arma uffiċjali tal-Belt Victoria, li, bħal dik antika ta' l-*Universitas Gaudisii* u dik ta' issa ta' Għawdex, turi t-tliet għoljiet fuq sfond kaħlani, u fuqhom l-inizjali "VR" għal *Victoria Regina* fuq sfond dehbi [ħajr: Daniel Cilia].

*Fil-qoxra:* It-tħabbira uffiċjali fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' l-10 ta' Ġunju 1887.

*F'paġna 6:* Il-*logo* uffiċjali mniedi mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria għall-festi anniversarji ta' din is-sena.

*F'paġna 7, lemin:* L-Isqof Pietru Pace u Sir Adrian Dingli, il-benefatturi li tħabtu għal dan il-ġieħ, f'pittura riċenti ta' Pawlu Camilleri Cauchi.

*F'paġna 7, xellug:* Il-monument imponenti tar-Reġina Victoria fil-Belt Valletta.

*Fuq, xellug:* It-terminu *"Victoria"* (fis-sens ta' "rebħa") meħud minn 1 Ġw 5:4 u applikat mill-Arċipriet Alfons M. Hili fuq l-arma taż-żewġ parroċċi tar-Rabat fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

*Fuq, lemin:* Il-pubblikazzjoni lussuża *Victoria. A Portrait of a City*, imxandra dan l-aħħar mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, li tinkludi wkoll tagħrif interessanti dwar il-parroċċa ta' San Ġorġ.

*Xellug:* L-ewwel faċċata tal-petizzjoni li ntbagħtet minn Għawdex lir-Reġina Victoria permezz tal-Gvernatur Ingliż f'Malta [ħajr: NAG].

# Nifirħu lil...



• Dun Daniel Grech, mill-parroċċa tal-Verġni Mqaddsa tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir f'Ta' Kerċem, li nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2012, ġie ordnat presbiteru flimkien ma' Dun Mark Bonello, mill-parroċċa tax-Xagħra. L-ordinazzjoni saret fil-Katidral ta' l-Assunta, mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, u fiha kanta l-Kor *Laudate Pueri* tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Daniel kien ta servizz pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ tul is-Sena Pastorali 2007-2008.

• Dun Fabio Attard SDB, Kunsillier għall-Pastorali maż-Żgħażagħ tal-Kongregazzjoni Salesjana, iben il-parroċċa Ġorġjana, li fl-4 ta' Lulju 2012, għalaq ħamsa u għoxrin sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.



• Swor Giovanna Gauci FSC, li f'Lulju 2012 ġiet eletta Kunsilliera u Segretarja Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

Marija Rita Gauci twieldet fis-27 ta' Awwissu 1945, il-Belt Victoria, Għawdex. Daħlet mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fit-3 ta' Awwissu 1971, wara li għal ħames snin għallmet fl-Iskejjel tal-Gvern. Għamlet in-Novizzjat fil-*Casa Madre*, ir-Rabat, Għawdex u pprofessat fis-16 ta' April 1974.

Fl-1975, ġiet mibgħuta San Francisco, California, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fejn għallmet għal sitt snin f'*St Paul of the Shipwreck School*, skola taħt it-tmexxija tas-Sorijiet Franġiskani, waqt li kompliet tistudja fl-Università ta' San Francisco. Il-Professjoni Perpetwa għamlitha fit-28 ta' April 1979, fil-*Casa Madre*, u f'Lulju 1980 irritornat lejn Malta.

Fl-1981, ġiet mibgħuta Warrawong, New South Wales, l-Awstralja, fejn għal għoxrin sena kienet Prinċipal ta' *St Francis of Assisi School*. Fl-2001, ġiet innominata Superjura Reġjonali ta' l-Awstralja, u minn Warrawong kellha tħalli l-iskola biex tmur fid-Dar Reġjonali, Lockleys, South Australia, fejn issa kienet qiegħda tagħti servizz lis-sorijiet tar-reġjun għal dawn l-aħħar ħdax-il sena.

Swor Giovanna Gauci attendiet bħala Delegata għall-Kapitlu Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li sar f'San Bartolomeo Cave, Ruma, bejn l-4 u l-25 ta' Lulju 2012, u ġiet eletta Kunsilliera u Segretarja Ġenerali.

# It-22 ta' Ġunju 1951
# Fit-Triq Ta' Pinu fit-3.00am



Il-bozoz elettriċi, bħal fanali,
kienu jdawlu triqti fil-belt Rabtija,
mat-triq qalb il-ħdura ta' l-għelieqi
dawwala l-qamar ta' sema sajfija.

'L hinn, il-loġoġ li saru biex iġorru
l-ilma tal-ħajja mill-għerien xebgħana
fil-muntanji lin-nies beżlin beltija,
qed jilmaw f'fidda ta' kwiekeb fuqana.

U issa tfaċċat minn wara l-muntanja,
tiddi fil-glorja ta' snin ta' tislima,
il-knisja li tella' l-bennej Għawdxi
li għaraf t'Ommu jibni post ta' qima.

U nisma' l-kant sabiħ tan-nies Għawdxija
jkantaw merħba lil Sidtna Marija.

Din il-poeżija ġiet miktuba minn **Ġiġi Galea** meta kellu biss sittax-il sena. Kien taha lil żewġi Toni. Dak iż-żmien konna noħorġu flimkien. Toni għożżha din il-poeżija u refagħha tul dawn is-snin kollha. Ħass li hija poeżija ta' sentiment u valur, speċjalment meta ġejja mill-pinna ta' tifel adolexxenti. Wara daqstant snin, ftit tax-xhur ilu, Toni wrieni din il-poeżija. Skantajt għax ma kontx naf biha u qatt ma rajtha. Meta qrajtha, qabiżli d-dmugħ. Ġabitli n-nostalġija u tefgħetni naħseb fil-memorji ta' tfulitna.

Kien ikun żmien l-eżamijiet annwali u dawk ta' Oxford. Aħna tliet aħwa – Ġorġa, Ġiġi u jien – konna mmorru Ta' Pinu kmieni fil-għodu fl-Erbgħat tal-Madonna, nitolbu lil Sidtna Marija Ta' Pinu biex tgħinna fl-eżamijiet. Konna ninġabru u nitilqu għal għonq it-triq flimkien ma' grupp ta' studenti oħra li kienu sħab oħti Ġorġa. Magħna kienet tiġi omm waħda minn sħabna biex tieħu ħsiebna. It-tluq tagħna mir-Rabat kien ikun fid-dlam biex naslu lura fil-ħin għall-iskola. Kienet din il-mixja li nebbħet lil Ġiġi jikteb dawn il-versi. In-natura, bil-ġmiel tagħha ma' tlugħ ix-xemx, lil Ġiġi ġabitlu l-muża.

Il-lum Ġiġi jinsab l-Amerika mal-familja. Toni bagħatlu din il-poeżija bl-email. Mingħajr ma poġġielu ismu, saqsieh jekk għandux ħila jaqta' min kitibha. Ġiġi rrisponda u bejn ħaltejn qal: "Donnha poeżija ta' Ġorġ Pisani". Kemm feraħ Ġiġi meta Toni bagħatlu kopja ta' l-oriġinal b'ismu ffirmat! Għaraf il-kalligrafija u ftakar li hu kien kitibha. "Mn'Alla kont int, Ton, għax dik biss fadal mill-poeżiji li kont nikteb! Dak iż-żmien kont tajtha għall-poeżija". Hekk irrisponda Ġiġi lil Toni.

*Din il-poeżija u t-tagħrif ta' magħha ġew mgħoddija lilna minn* ***Vittorina Mizzi****, oħt Ġiġi*

# Festa **San Ġorġ** *2012*



L-omeliji tat-tlitt ijiem tat-**Tridu** din is-sena saru mis-saċerdot żagħżugħ Dun Richard Nazzareno Farrugia. Dun Richard hu mill-parroċċa tax-Xagħra, imma għandu għeruq familjari mill-parroċċa tagħna. Hu għamel tliet priedki mill-isbaħ b'tagħlim u tifħir lill-qaddis patrun tagħna, li għall-ewwel darba ġew iffilmjati kollha u mtellgħin fuq *You Tube*.

Għal sena oħra, il-Festa ta' San Ġorġ kienet imxandra fuq **stazzjon televiżiv** lokali. Il-programm *Forċina* xandar il-ħruġ u d-dħul tal-Purċissjoni, b'kollegamenti diretti minn Pjazza San Ġorġ. Min-naħa l-oħra, xi mumenti mill-Festa xxandru wkoll fuq l-istazzjon *Smash*.



Fuq barra wkoll, is-Soċjetà Filarmonika *La Stella* għal sena oħra daħlet b'ruħha u b'ġisimha biex torganizza Festa mill-aqwa lill-Patrun ta' Għawdex. Fost l-opri ġodda mill-Għaqda ta' l-Armar Festa San Ġorġ, spikkaw żewġ bandalori ġodda b'pitturi ta' Patri Akkursju Xerri u Mons. Giuseppe Farrugia fi Pjazza Savina, u naturalment ir-restawr fuq il-pedestall monumentali ta' San Ġorġ ta' Barra fi Pjazza Indipendeza, magħruf għad-disinn tiegħu minn Giuseppe Calì fl-1895. Għall-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' dan ir-restawr, intwera *feature* fit-Tokk u ġie ppubblikat ktejjeb bl-isem *Vestis Honoris*.



Il-*Victoria International Arts Festival*, din is-sena fil-ħmistax-il edizzjoni, fetaħ u għalaq b'żewġ kunċerti grandjużi li fihom l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali daqqet fil-Bażilika taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella. Il-Kunċert Inawgurali fetaħ ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet organizzati mill-Kusill Lokali tal-Belt Victoria biex jitfakkar il-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju minn meta r-Rabat ingħata t-titlu ta' Belt. Il-Festival nieda wkoll is-sit elettroniku tiegħu: www.viaf.org.mt.







Iċ-**Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana** tmexxiet minn Patri Mark Demanuele MSSP, u kellha t-tema: *"Ġorġi tagħna, min qatt bħalek! Stilla tiddi kollha dija"… Il-lum intom id-dawl tad-dinja.* Ingħata wkoll servizz ta' Qrar liż-żgħażagħ preżenti.

Kważi f'kull Festa jkun hemm benefatturi ġenerużi li jissoktaw iżejnu t-tempju Ġorġjan b'**opri** sbieħ ta' l-arti. Din is-sena, is-Sur George Grech, President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, irregala lill-Bażilika "sopra-relikwarju" aħmar irrakmat bid-deheb, fuq disinn ta' l-artist Ġorġjan Ġużeppi Sagona, biex jgħatti l-ostensorju tar-relikwa ta' San Ġorġ.





Fin-**Novena** ta' San Ġorġ, bis-sehem ta' tant tfal u adolexxenti tal-parroċċa, din is-sena ntuża skript miktub apposta minn Dun Simon M. Cachia, bit-tema *Insiru nixbhu lil Ġorġi, kif Ġorġi sar jixbah lil Kristu.* Bħala tifkira lil dawk kollha li attendew, fil-*party* li sar fil-pjazza fl-aħħar ġurnata tqassmu *mugs* bix-xbieha ta' San Ġorġ.

Din is-sena, il-**mużika** mill-isbaħ li tiġi esegwita fil-jiem tal-Festa fil-Bażilika, bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri*, kienet imżejna bil-leħen ta' baxx ġdid mistieden mill-Italja, Dario Russo. Kant u orkestra kienu bħas-soltu taħt id-direzzjoni tal-Professur Joseph Vella, *maestro di cappella*, li din is-sena jagħlaq sebgħin sena.



# Fil-knisja u l-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex 1944-1954
## L-Ewwel Parti

Il-Belt Victoria *tissokta b'iktar artikli interessanti ta' tagħrif dwar l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai (1891-1981). Minn din il-ħarġa sa nibdew sensiela ġdida ta' artikli, riċerkati minn* **Winston L. Zammit**, *dwar x'kien għaddej fil-parroċċa u l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fis-snin ta' l-arċipretura tiegħu li bdiet fl-1944.*



Fil-31 ta' Diċembru 1943 miet Mons. Alfons Marija Hili, Arċipriet tal-Katidral u tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ sa mill-1917. Wara mewtu, Mons. Mikiel Gonzi, Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Għawdex, ħatar lil Mons. Mikiel Cefai bħala r-ragħaj spiritwali tal-Belt Victoria.

Imwieled il-Qala fis-27 ta' Settembru 1891, Mikiel Cefai ġie ordnat saċerdot f'Diċembru 1915.[1] Fl-1927 ħa l-pussess ta' Kanonku Lettur tal-Katidral.[2] Aktar tard opta u sar Kanonku Penitenzier, iżda fl-20 ta' Lulju 1937 ħa l-pussess ta' kanonikat ieħor.[3] Fl-aħħar tas-snin tletin u fil-bidu tas-snin erbgħin, Mons. Cefai minn barra li kien jgħallem il-Filosofija fis-Seminarju, kellu wkoll diversi karigi fid-djoċesi. Kien membru tal-Kunsill tal-Viġilanza, u Eżaminatur Pro-Sinodali u tal-Kleru.[4] B'digriet tat-12 ta' Frar 1940, Mons. Isqof Mikiel Gonzi ħatru Vigarju Adjutur fil-parroċċa tar-Rabat, minħabba l-età avvanzata ta' Mons. Arċipriet Alfons M. Hili.[5]



**Arċipriet tar-Rabat**

Fis-17 ta' April 1944 ġriet l-aħbar li Ruma ħatret lil Mons. Mikiel Cefai Arċipriet tar-Rabat. Fit-23 ta' April, Mons. Cefai ħa l-pussess ta' Arċipriet fil-Katidral, u fit-30 ta' April, ħa l-pussess ta' Kappillan fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

Għal din l-okkażjoni, il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ġiet imżejna bħal fil-Festa Titulari. Fl-4.30pm, l-Arċipriet Cefai, imsieħeb mill-Viċi Parroku Dun Karm Sacco, għadda mit-toroq ewlenin tar-Rabat, akkumpanjat mill-Banda *La Stella* u minn folla kbira ta' nies li ġew minn kull rokna ta' Għawdex. Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, Mons. Arċidjaknu Giuseppe Pace, Vigarju Ġenerali, mexxa ċ-ċerimonja tal-pussess li matulha Mons. Cefai għamel diskors.

Wara ċ-ċerimonja tal-knisja, il-Banda *La Stella* bl-istendardi tagħha wasslet lill-Arċipriet Cefai bil-marċ sad-dar, fejn sar riċeviment. Fil-għaxija, il-Banda *La Stella* daqqet programm sabiħ fit-Tokk li spiċċa fl-10.30pm.[6]

B'hekk beda parrokat twil li ntemm fl-1976, meta Mons. Cefai ġie maħtur Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex.[7] Fuq Mons. Cefai nkiteb hekk fl-1950: "Irridu ninqdew b'din l-okkażjoni biex nagħtu t-tifħir tagħna lill-Arċipriet Mons. M. Cefai sabiex iġib 'il quddiem din il-knisja tant iffrekwentata li tinsab fiċ-ċentru tal-Belt Victoria".[8]

Fl-istess sena, 1950, Mons. Cefai aġixxa bħala *Locum Tenens* meta l-Isqof Pace kien Ruma,[9] u kien ukoll il-President tal-Kumitat li organizza l-Festi tal-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunta fil-gżira ta' Għawdex.[10] Iżda minn barra s-servizzi tiegħu fil-qasam ekkleżjastiku, Mons. Cefai ta wkoll is-sehem tiegħu fil-qasam civili, billi kien wieħed mill-Kummissarji tal-Karità għal Għawdex għas-snin 1945, 1946, 1948 u 1949.[11]

**Viċi Parroċi u Kleru**



Fil-bidu tal-parrokat tiegħu, Dun Mikiel kellu bħala Viċi Parroku lis-saċerdot żagħżugħ Dun Karm Sacco, li kien ukoll Prokuratur ta' l-Altar ta' San Mikiel. Dun Karm baqa' f'din il-kariga sa l-1951.[12] Fl-1944 ingħaqad ma' Dun Karm Sacco bħala Viċi Parroku Dun Ġużepp Grech mir-Rabat, li baqa' f'din il-kariga sat-28 ta' Mejju 1946, meta ħa l-kariga ta' Arċipriet Kuġitur fix-Xewkija.[13] Nafu mir-Reġistri Parrokkjali li fl-istess żmien ma' Dun Karm Sacco kien hemm ukoll Viċi Parroku Dun Salv Saliba mill-Munxar, u fl-ewwel għaxar snin ta' Mons. Cefai bħala Arċipriet insibu wkoll Viċi Parroċi lil Dun Ġwann Frendo u lil Dun Franġisk Scicluna.[14]

Fost is-saċerdoti li ħadmu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ bejn l-1944 u l-1954 insibu lil Dun Ġwann Grech, li kellu l-karigi ta' Prokuratur tal-Knisja u Prokuratur tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss, u li fil-bidu ta' l-1946 ġie maħtur Kanonku Koadjutur tal-Katidral;[15] Dun Pawl Micallef, il-fundatur ta' l-Oratorju;[16] Dun Ġużepp Borg mit-Triq ta' l-Għajn, li kellu l-kariga ta' organista sa l-1948, meta nħatar Kappillan ta' l-Għasri;[17] Dun Anton Grech Vella, li fl-1951 inħatar Prokuratur tal-Knisja;[18] u Dun Ġużepp Farrugia Vella, li fl-1946 inħatar Prokuratur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss.[19]

Bejn l-1944 u l-1954, il-Belt Victoria kellha dawn is-saċerdoti ġodda:

Dun Anton Gauci, fl-1949.[20]

Dun Ġwann Dimech, li nhar il-Ħadd 21 ta' April 1949 qaddes solennement għall-ewwel darba fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Ippriedkalu Mons. Arċipriet Mikiel Cefai. Il-mużika kienet ta' Dun Ġużepp Debrincat.[21]

Patri Tumas Scicluna OFM, li nhar il-festa ta' l-Imnarja ta' l-1949 iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Ippriedkalu Patri Akkursju Xerri OFM. Il-mużika kienet tas-Surmast Giardini Vella.[22]

Dun Ġużepp Borg u Dun Karm Scicluna, it-tnejn fl-1951.[23]

Dun Franġisk Saver Calleja, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, il-Ħadd 20 ta' April 1952. Il-mużika kienet ta' Dun Ġużepp Debrincat.[24]

Dun Ġużepp Mercieca, il-lum l-Arċisqof Emeritu ta' Malta, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, il-Ħadd 27 ta' April 1952. Il-mużika kienet ta' Dun Ġużepp Debrincat. Ippriedkalu Mons. Ġorġ Mercieca.[25]

Dun Franġisk Scicluna, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju 1952. Il-mużika kienet ta' Dun Ġużepp Debrincat, u ppriedkalu Dun Mikiel Grech, Kappillan tal-Fontana.[26]



**Viżta Pastorali**

Nhar il-Ħadd 10 ta' Marzu 1946, Mons. Isqof Ġużeppi Pace għamel l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Fit-tlitt ijiem ta' qabel (7-9 ta' Marzu), Mons. Arċipriet Mikiel Cefai għamel tliet priedki ta' tħejjija kif kien ordnat fl-Ittra Pastorali tat-2 ta' Frar 1946.[27]

**Opri ġodda**

Fis-snin 1945-1954 saru diversi opri importanti fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, li bidlu totalment id-dehra ta' din il-knisja.

Fl-1945 inbeda x-xogħol ta' l-iskultura fil-koppla, u wara sar fiha x-xogħol tal-pasta. Fl-1946 inbeda x-xogħol ta' l-invijar f'xi partijiet tal-knisja.[28] Fl-1948 sar il-paviment tan-navi.[29]

Fl-1949 il-knisja parrokkjali żżejnet b'*Via Sagra* ġdida skolpita fl-irħam li nġiebet minn Ruma. Il-mudelli ta' l-erbatax-il stazzjon għamilhom il-Prof. Carlo Pisi ta' Ruma, u x-xogħol sar mid-ditta *Henreaux* ta' Lucca. Din il-*Via Sagra* tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace fit-3 ta' April 1949.[30] Imbagħad f'Diċembru ta' l-istess sena saret l-inawgurazzjoni tal-pittura tal-koppla u tal-lunetti, xogħol tal-pittur Gian Battista Conti, mill-istess Isqof Pace.[31]

Meta waslet il-Festa Titulari ta' San Ġorġ fl-1950, il-gazzetta *Għawdex* ikkummentat hekk dwar l-opri ġodda li tlestew jew kienu se jiżżanżnu: "L-opra ġdida, xogħol oriġinali ta' Gian Battista Conti, *Il-Gwerrier Rebbieħ ta' l-Apokalissi*, fi tmien kwadri tassew sbieħ, li flimkien mad-dekorazzjoni tas-Sur Ġużè Galea tar-Rabat u doratura tas-Sur Pawl Francalanza, jagħmlu l-koppla maestuża vera ġenna. Lill-pitturi tal-koppla ma jagħmlulhomx għajb l-erba' kwadri tal-lunetti, li fihom il-Prof. Conti wera l-ħila tiegħu ta' fama mondjali. Din is-sena wkoll ġie mqiegħed il-paviment tan-navati tal-ġnub, maħdum l-Italja b'kummissjoni tas-Sur Pawlu Pace. Għall-okkażjoni sejra tiżżanżan ukoll tagħmira ta' fjuretti tal-ganutell għal żewġ altari, xogħol diżinteressat tas-Sur Ġ. Marija Attard, megħjun minn dilettanti, fosthom is-Sur Feliċ Attard, li



barra x-xogħol diżinteressat, dejjem jistinka billi jiġbor għal materjal li hu tant għoli".[32]

Fl-1952 inbeda x-xogħol ta' l-iskultura tan-navi u fl-istess sena tlestiet l-iskultura tal-gallerija ta' l-orgni.[33] Sa Mejju 1952 tlesta x-xogħol tad-dawl elettriku. Dan ix-xogħol sar mingħajr ħlas minn żewġ żgħażagħ Rabtin, Ġużeppi Farrugia u Ġużeppi Agius.[34] Fl-1953 inksew bl-irħam il-pilastri maġġuri, u fost il-benefatturi ta' din l-opra kien hemm il-prelat Għawdxi Mons. Ġorġ Agius.[35]

## Fratellanza u Xirka ġdida

Fost il-Fratellanzi mwaqqfin fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kien hemm dik tas-Santissmu Kurċifiss, li kienet tieħu ħsieb ta' kull sena l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Dwar il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss, insibu li nhar il-Ħadd 7 ta' April 1946, saret Konsulta Ġenerali tal-Fratelli tal-Kurċifiss li għaliha assista Mons. Isqof Ġużeppi Pace, li wara li għamel twissijiet l-aktar utli lill-membri li kienu preżenti f'għadd kbir, ippreżentalhom il-Prokuratur il-ġdid Dun Ġużepp Farrugia Vella.[36] Dan is-saċerdot ġie maħtur Prokuratur minflok Dun Ġwann Grech, li kien għadu kemm ġie maħtur Kanonku tal-Katidral.[37]

B'digriet ta' l-10 ta' Novembru 1949, l-Isqof Pace waqqaf fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ix-Xirka tal-Madonna ta' Fatima, biex id-devozzjoni u l-entużjażmu li ntwerew kullimkien lejn il-Madonna ta' Fatima ma jispiċċawx fix-xejn.[38]

## Riferenzi


1 *Leħen il-Qala*, Nru 12, 1976, p. 1.
2 *L-Għid ta' l-Assunta*, 15 ta' Awwissu 1969, p. 6.
3 *Lucerna*, Agosto 1937, p. 167.
4 *Guida Generale di Malta e Gozo*, 1939/1940, p. 175.
5 *Lucerna*, Dicembre 1940, p. 266.
6 *Il-Berqa*, 4 ta' Mejju 1944, p. 2.
7 *Leħen il-Qala*, Nru 12, 1976, p. 1.
8 *Leħen is-Sewwa*, 3 ta' Mejju 1950, p. 2.
9 Ibid, 11 ta' Novembru 1950, p. 8.
10 Ibid, 9 ta' Diċembru 1951.
11 *Times of Malta*, 2 January 1945, p. 6; *Għawdex*, 1 November 1946, p. 5; *Times of Malta*, 24 January 1948, p. 5; 24 January 1949, p. 7.
12 *Il-Berqa*, 4 ta' Mejju 1944, p. 2; *Tifkira tal-Pussess ta' l-Ewwel Kanonċi tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ*, 1976, p. 11; *Leħen is-Sewwa*, 28 ta' Settembru 1949, p. 7.
13 SERAFIN BORG, *Ix-Xewkija fi Ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċiprieti tagħha*, Malta 1978, p. 62.
14 Tagħrif miġbur mir-Reġistri Parrokkjali u tagħrif ieħor orali miġbur minn Francesco Pio Attard. Ħajr lil Vincent Borg.
15 *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1946.
16 Ibid, 5 ta' Jannar 1949. Nhar is-26 ta' Diċembru 1948, Dun Pawl fakkar il-Ġublew tal-Fidda ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali b'Quddiesa Solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, li fiha ppriedkalu Patri Anġ Pizzuto OSA.
17 *Leħen is-Sewwa*, 27 ta' Ottubru 1948, p. 2.
18 *Tifkira tal-Pussess ta' l-Ewwel Kanonċi tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ*, p. 9.
19 *Għawdex*, 14 ta' April 1946, p. 5.
20 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
21 *Leħen is-Sewwa*, 11 ta' Mejju 1949, p. 7.
22 *Il-Berqa*, 19 ta' Lulju 1949, p. 7.
23 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
24 *Il-Berqa*, 25 ta' April 1952, p. 3.
25 Ibid, 1 ta' Mejju 1952, p. 7.
26 Ibid, 8 ta' Mejju 1952, p. 7.
27 *Għawdex*, 17 ta' Marzu 1946, p. 5.
28 JOHN BEZZINA, *Siltiet mill-ġrajja tal-Bażilika ta' San Ġorġ 1510-1964*, pp. 19-20.
29 Ibid, p. 20.
30 *Leħen is-Sewwa*, 7 ta' Mejju 1953, p. 6.
31 Ibid, 11 ta' Jannar 1950, p. 7; 2 ta' Mejju 1953, p. 6.
32 *Għawdex*, 7 ta' Mejju 1950, p. 1.
33 BEZZINA, *Siltiet mill-ġrajja tal-Bażilika ta' San Ġorġ*, p. 20.
34 *Il-Berqa*, 1 ta' Mejju 1952, p. 7.
35 BEZZINA, *Siltiet mill-ġrajja tal-Bażilika ta' San Ġorġ*, p. 21.
36 *Għawdex*, 14 ta' April 1946, p. 5.
37 *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1946.
38 *Għawdex*, 18 ta' Diċembru 1949, p. 3.




**Ritratti:**

*F'paġna 12, fuq:* Il-pilastri maġġuri fil-Kappelluni ta' l-Erwieħ u ta' San Lazzru meta twaħħlu f'Novembru 1953.

*F'paġna 12, isfel:* Fl-arma araldika ta' Mons. Arċipriet Mikiel Cefai.

*F'paġna 13, xellug:* Dun Karm Sacco kien l-ewwel Viċi Parroku li kellu l-Arċipriet Cefai.

*F'paġna 13, lemin:* Mons. Ġużeppi Pace kien ikkonsagrat Isqof ta' Għawdex fis-17 ta' Diċembru 1944, mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi.

*Fuq:* Fis-sena 1951 saru l-fjuretti tal-ganutell ta' l-altari.

*Xellug:* Wieħed mill-ewwel ritratti tal-pittura ġdida tal-koppla fl-1949.

## Qaddisin "Ġorġjani" 37
RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*
vasanti@go.net.mt

# Santa Kjara ta' Assisi
(tifkira liturġika fil-11 ta' Awwissu)



Din il-fundatriċi tat-Tieni Ordni Franġiskan – li issa nsibuh hawn f'beltna wkoll – għandha rabta "Ġorġjana" importanti: difnuha fil-knisja qadima ddedikata lil San Ġorġ f'Assisi. Mal-kanonizzazzjoni, bdiet tinbena madwarha – taħt il-magħruf arkitett Filippo Campello – il-Bażilika li ġġib isimha, u li għadha tinkludi xi partijiet storiko-artistiċi minn ta' qabilha. Hawn insibu l-Kurċifiss mirakuluż "ta' San Damjan".

Kjara twieldet, aktarx fis-16 ta' Lulju 1194, f'din il-belt prominenti fl-Italja ċentrali. Irċiviet formazzjoni soda spiritwali mill-ġenituri nobbli u sinjuri tagħha, speċjalment minn ommha Ortolana li anki żaret l-Art Imqaddsa u hi magħduda bħala Beata. Skond id-drawwa ta' dawk iż-żminijiet, għażlulha l-għarus. Iżda jingħad li tant impressjonawha l-priedki tar-Randan li għamel San Franġisk fil-knisja ta' San Ġorġ jew, qrib darha, ta' San Rufino, li, ta' tmintax, iddeċidiet li titlaq mid-dar biex timitah fil-ħarba mir-rabtiet tad-dinja. Kien Ħadd il-Palm ta' l-1212 fil-għaxija. Wara li xeddilha tonka fqira u qatgħalha xagħarha biex idaħħalha f'din il-ħajja ġdida, Franġisku għall-ewwel ħadha mas-Sorijiet Benedittini. Imbagħad marret fil-binja ċkejkna mal-knisja ta' San Damjan li saret il-*casa madre* ta' dawk li, wara mewtha, ħadu l-isem ta' Klarissi. Hawn għexet għal iktar minn erbgħin sena, x'aktarx bla ma qatt xirfet barra minn dawn l-erba' ħitan, kważi dejjem marida. Daħlu magħha bosta jiġu minnha jew li kienu jafuha, fosthom ommha, zitha u żewġ ħutha: Anjeże, qaddisa wkoll u midfuna fejnha, u Beatrice.

San Franġisk taha *formula vivendi* bħala dirttivi sempliċi, u, kontra xewqitha, ħatarha Badessa. Il-personalità tagħha saret magħrufa minn kulħadd, tant li l-Legat tal-Papa nnifsu kitbilha Regola għall-monasteri li twaqqfu wara; akkwistat ukoll il-"privileġġ" pontifiċju tal-faqar minn kull tip ta' ġid (*privilegium pauperitatis*). L-erba' voti tal-Klarissi baqgħu l-faqar, il-kastità, l-ubbidjenza u l-klawsura. Riedet għażla radikali: fit-talb u fix-xogħol għall-għajxien, b'disponibbiltà sħiħa għal kulħadd. Anki l-Papiet apprezzaw il-karattru tagħha u l-mod għaqli li bih kienet tmexxi, bl-akbar imħabba; saħansitra fittxew li jżuruha. Ma kenitx toqgħod lura mill-pariri, ngħidu aħna biex twarrab l-esaġerazzjonijiet fl-awsterità: is-servizz, baxx kemm jidher baxx, hemm bżonn isir bi tbissima! "Ġisimna la hu tal-bronż u lanqas tal-granit!". Min-naħa l-oħra, meta semgħet li xi monasteri, li bdew jixterdu ma' l-Ewropa, ma baqgħux sodi fil-faqar, kitbet – għalkemm il-mard kien wassalha fi tmiem ħajjitha – Regola tixbah lil tal-patrijiet Franġiskani Minuri (l-Ewwel Ordni). Innoċenz IV ħadilha l-bolla ta' l-approvazzjoni; l-għada, 11 ta' Awwissu 1253, Kjara mietet. Il-Papa stess kantalha l-Uffiċċju Festiv tal-Verġni, flok tal-Mejtin. Il-funeral ġie mfisser bħala "purċissjoni trijonfali", bil-Papa jmexxi, flimkien mal-"Kurja kollha" li ġiet minn Ruma. Alessandru IV iddikjaraha qaddisa sentejn wara, fi tmiem proċess ħafif u mgħaġġel. Barra l-jum propju tagħha, l-Ordni jfakkarha f'żewġ dati oħra: it-3 ta' Ottubru u t-23 ta' Settembru, anniversarji rispettivament ta' meta ttieħed ġisimha lejn il-Bażilika l-ġdida u ta' meta reġa' nstab qabarha.

Mill-ftit li nafu fiċ-ċert dwar ħajjitha klawstrali, hemm iddokumentat kemm għenet u ħeġġet lil Franġisku: kien anki jmur biex jikkonsulta magħha meta jkollu xi dubji; ngħidu aħna, ikkonvinċietu li s-sejħa tiegħu kienet li jkompli jgħallem, u mhux ħajja ta' kontemplazzjoni. U fejnha kkompona l-famuż *Cantico delle Creature*. Biex issaħħaħ imħabbitha lejn Ġesù Msallab, tgħallmet bl-amment l-Uffiċċju tal-Passjoni miktub minnu. Fis-snin ta' wara mewtu, donnha serviet ta' punt ta' riferenza għall-patrijiet, li ħassewhom xi ftit iltiema. U sadattant bosta qalgħu grazzji u gawdew minn mirakli wara li talbet magħhom. Ta' min jinnota wkoll li għad fadlilna xi ittri li bagħtet; normalment kitbiet in-nisa ma kienu jagħtuhom l-ebda valur dawk iż-żminijiet!

Piju XII poġġa taħt il-patroċinju tagħha lit-televiżjoni, minħabba li kellha l-grazzja li ssegwi fuq il-ħajt taċ-ċella l-funzjoni tal-lejl tal-Milied ta' l-1252 minn *Santa Maria degli Angeli*, il-knisja tal-Porzjunkola, bil-presepju b'kollox! Għalhekk ukoll Santa Kjara hi fost il-patruni ta' l-għajnejn. Peress li kellha devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija, l-ostja hi waħda mis-simboli li l-artisti jużaw biex jirreferu għaliha, flimkien mal-ġilju. Jirrakkontaw ukoll li darbtejn ħaduha bil-pissidi fuq is-swar biex tħarrab lill-eżerċtu li kien qed jattakka beltha.

eko għawdex
għawdex aħjar

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd | 17
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
COHESION FUND

*Antoine Vassallo*

# U wasalna għall-apparat

F'Ġunju ħriġna reklam, biex jagħlaq f'nofs Awwissu, għall-offerti għall-apparat, maqsum fi tlieta. Kif spjegajna, mhux l-inqas fil-programm ta' nhar ta' Tlieta fuq *Leħen il-Belt Victoria* "Mużew Tagħna – Mużew għal Kulħadd", il-viżjoni tagħna għal dan il-mużew tmur ferm lil hemm minn sempliċi kmamar bi xkaffar u vetrini mimlija esibiti fuq xulxin. Irridu li nkunu *state of the art*! Allura rriflettejna u studjajna ferm biex ippreparajna d-dettalji li fuqhom riedet issir l-għażla. Sintendi ddipendejna ħafna fuq l-għajnuna tad-disinjaturi Ingliżi tagħna; is-sengħa u l-esperjenza tad-ditta speċjalizzata *Bright White* verament konna neħtiġuhom! Fil-fatt talbuna lista bir-ritratti u d-dimensjonijiet ta' l-iktar esibiti li nħossuhom essenzjali, u anki żaruna għal ftit sigħat biex intemmu l-irqaqat.

Tender minnhom kienet għal apparat elettroniku (*audio-visual hardware*), essenzjali għall-esperjenza li jrid ikollhom dawk kollha li jżuru ċ-ċentru l-ġdid tagħna, kemm lokali (li forsi diġà jafu ħafna fuq l-istorja u l-kultura tagħna), u kemm barranin (li allura jkunu x'aktarx sajmin minn dan it-tagħrif). Dak li jkun, ikollu l-possibbiltà li jara, jisma' u jaqra dwar aspetti li l-iktar jinteressawh: l-ambjent storiku ta' l-oġġett, l-iskop li għalih sar, u l-valur artistiku. Barra minn dan, mal-ġnub tas-swali prinċipali hemm kmamar oħra – *video* u *audio rooms* – fejn nistgħu napprezzaw il-"ħsejjes" u "x-xeni" li jikkaratterizzawna. Biex iseħħ dan kollu, ridna naħsbu għal apparat pjuttost sofistikat, u għal spazju addattat fejn jitqiegħed, b'kumdità anki biex jiġi kkontrollat. Jien ma nifhem xejn f'dawn id-dettalji tekniċi, iżda nassumi li ma humiex ftit il-qarrejja li jindunaw għal xiex konna nirreferu meta speċifikajna affarijiet bħal *surround sound speaker system*, *touchscreen*, *HD LCD screens* u *active glasses*!

B'tender oħra konna nfittxu vetrini li jixirqu lil ta' ġo fihom, li jiddefendu mill-ħsara u li jgħinu lill-viżitatur japprezza dan il-wirt. Dawn l-*exhibition showcases* ried ikollhom *anti-bandit laminated glass, hanging rod system with toughened glass shelves, LED light posts* u *passive humidity control*, biex ma nikkwotax iktar! Kellna anki kejl eżatt, skond fejn se titpoġġa l-vetrina u x'se jidħol fiha.

It-tielet tender kienet iktar varjata u probabbilment inqas speċjalizzata; iżda kienet tinkludi taħlita interessanti ta' għajnuniet għall-wiri. Insemmi bozoz, vireg, grampuni, tabelli, bankuni, xkaffi, poġġamani u tarġiet, f'diversi materjali, bħal metall u injam.

Ta' l-injam ordnajna l-aperturi, kif obbligawna l-MEPA u kif ħassejna li jkunu jixirqu. Ippruvajna nirrestawraw kemm possibbli, iżda l-biċċa l-kbira huma twieqi u bibien ġodda. Dan b'eċċezzjoni waħda: qiegħda tiġi żviluppata l-idea ta' bieb tal-bronż. Nitkellmu fuq hekk darb'oħra...

Offerta waħda biss irċevejna għall-aperturi saż-żmien ta' l-għeluq tat-tender lejn tmiem Mejju. Peress li kien hemm oħrajn li wrew interess billi talbu għad-dokumenti, jista' jkun li tbeżżgħu mil-livell għoli li esiġejna! Hekk jew hekk, konna xxurtjati li d-ditta konċernata, *Windoor Systems*, laħqet l-aspettattivi tagħna fil-proposta tagħha, u allura l-kumitat ta' l-evalwazzjoni ma kellux diffikultà biex jirrakkomanda li l-kuntratt isir. L-unika intopp ġie solvut għax aċċettaw li jraħħsu l-prezz għall-ammont li kellna allokat. U allura, bilġri bilġri, tajthom l-ordni biex jinbeda x-xogħol.

Ix-xogħol fiżiku fuq il-post miexi wkoll, għalkemm mhux eżatt bir-ritmu mixtieq u meħtieġ. Insemmi t-tqegħid ta' l-irħam fl-art; partijiet oħra se jkunu bil-*parquet* jew tal-ħġieġ fuq strutturi tal-ħadid.

Reġgħu kienu bosta dawk li tħajru jittawlu, u kulħadd jikkummenta bi stagħġib. Aħna lkoll li qegħdin nirsistu – ħafna drabi wara l-kwinti, bla daqq tat-trombi – dik hi eżatt il-mira tagħna: ma nkunux kuntenti bi twettiq kwalunkwe, iżda biss bi kwalità sorprendenti!



Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

Komplejna ħidma oħra amministrattiva, inkluża r-relazzjoni ma' l-Awtorità Maniġerjali (id-Diviżjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-PPCD) li jitolbuna aġġornamenti kontinwi, b'mili ta' formli u kjarifikazzjonijiet dwar kif mexjin fit-twettiq skond il-ftehim magħhom. Dan hu l-"ħlas" għall-għajnuna finanzjarja! Kif tafu, jipprovdu 85% tal-biċċa l-kbira tal-kontijiet. Dan turih anki l-iskema *150 agħmilhom €1,000* li tant (parruċċani u le) daħlu fiha. Hemm min għamel hekk minħabba l-benefiċċju li jakkwista sħubija sħiħa fil-Fondazzjoni u allura jkun jista' jidħol b'xejn il-mużew; iżda l-maġġoranza l-kbira jridu sempliċement jgħinu u jkollhom is-sodisfazzjon ta' sehem f'din l-"ħolma". Fil-fatt ma humiex ftit dawk li ma kkuntentawx bil-€150! L-istedina tibqa' miftuħa, u għad hawn min imissu jitħajjar. Iż-Żgħażagħ u l-Ħbieb jorganizzaw okkażjonijiet oħra ta' *fundraising*, ngħidu aħna s-suċċessun tal-*Buffet BBQ* fil-25 ta' Mejju fi Pjazza San Ġorġ.

Nagħlaq billi nirreferi għar-rendikont dettaljat fil-Ktieb tal-Festa (b'ritratti) li tana l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia: il-Kordinatur lest jissodisfa kull talba għal informazzjoni, u jilqa' kull għajnuna!




# Lill-Kbir Nobbli Ġorġi ta' Lidda

Fra Ġorġ Grech osco



Ġorġi tagħna, ġawhra Għawdxija,
qlubna mħeġġa jogħxew bik.
Inti ħlewwa, int karezza
ta' kemm ħars jitgawda fik.

Ismek poeżija inċiża ġewwa qalbna,
oħla mill-għasel l-aktar bnin;
ħarisna b'qawwet ismek,
ġewwa ħdanek imgħannqin.

Min qatt bħalek, Ġorġi tagħna,
Kewkba tiddi ġewwa qalbna?
Xrar għajnejk imdawlin fuqna,
bi sbuħitek imsaħħrin aħna!

Kampjun mill-aqwa, mudell taż-żgħażagħ,
inti l-għożża ta' tant qlub.
Min qatt qablek u min bħalek
f'din l-art tagħna tant maħbub?

Demmek, Ġorġi, ibaqbaq fina;
Prinċep tal-Martri bil-palma f'idejk.
Xempju int ta' l-akbar qdusija,
sebħ imħabbtek nar f'għajnejk.

Inti l-mimmi ta' għajnejna,
faraġ u hena ta' kulħadd.
Ġmiel u glorja t'Għawdex tagħna,
miegħek ma jħabbatha ħadd!

B'għajnejk żoroq kulur is-sema,
b'xagħrek nokkli lewn is-sbul...
O kemm qima tqanqal f'qalbna,
kemm inħarsu lejk fit-tul!

Dan hu Ġorġi: qalb ta' mħabba,
ħeġġa taqbad ta' nirien;
lilu jfaħħru Malta u Għawdex,
dawlu jinfed kullimkien.

Marbutin nibqgħu ma' qalbek,
il-Ġorġjani lkoll flimkien.
Inti l-kant ta' dawn xofftejna,
inti l-għaxqa tal-ħolqien.

Sbejjaħ Ġorġi li ta' Għawdex
int važett ta' nard ifuħ,
qalbna mħeġġa u tant kburija,
f'riġlejk qalbna tieħu r-ruħ.

Minħabba ismek Għawdex tagħna
mill-ġnus kollha kiseb ġieħ.
Ibqa' ieqaf 'l-għadu tagħna
u dal-poplu jgħix rebbieħ.

L-għajta tagħna tibqa' dejjem:
"Viva Ġorġi tagħna biss"!
Aħna wliedek, fwieħa tiegħek,
żgur li miegħek ħadd ma jmiss.

*Fra Ġorġ Grech osco twieled il-Belt Victoria, Għawdex. Huwa l-uniku membru Malti ta' l-Ordni tal-Patrijiet Ċisterċensi Riformati ta' l-Osservanza Stretta, jew aħjar, kif inhuma magħrufa, it-Trappisti. Erbgħa u għoxrin sena ilu daħal fl-Abbazija tal-Madonna tas-Santissmu Sagrament li tinsab fi Frattocchie, qrib Ruma, l-Italja. Qabel daħal monaku, Fra Ġorġ kellu ħanut ta' l-artiġjanat f'Ta' Qali, kif ukoll għamel żmien emigrat il-Kanada. Bħala monaku Trappist, Fra Ġorġ jgħaddi l-ħajja tiegħu fis-skiet, fix-xogħol u f'talb ta' interċessjoni. Fil-ħarġiet li ġejjin, Fra Ġorġ ħa jibda jaqsam magħna xi riflessjonijiet f'kolonna ġdida bit-titlu* Fuq il-passi ta' San Ġorġ fit-triq tal-qdusija.

**04.30pm:** L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Ewwel Għasar Solenni ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**08.00pm:** L-Isqof Grech ippresieda l-Velja Solenni tal-Martirju fi Pjazza San Ġorġ, li għaliha nħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ fil-bieb tal-Bażilika. Il-velja kienet ispirata minn kitbiet ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Ħa sehem il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.



**» 23 ta' April**
**06.30pm:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa t-Tieni Għasar Solenni ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**07.00pm:** L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. Ġiet esegwita l-*Missa Papa Marcelli*.
**» 29 ta' April**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech amministra s-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil erbgħin tifel u tifla mill-parroċċa.
**» 6 ta' Mejju**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech amministra l-Ewwel Tqarbina lil tnejn u għoxrin tifel u tifla mill-parroċċa.
**» 10 ta' Mejju**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat l-ewwel Ħamis ta' San Ġorġ b'Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. It-tema magħżula għall-Ħamisijiet ta' din is-sena kienet it-tifsira spiritwali tal-Leġġenda ta' San Ġorġ u d-Dragun, u kull Ħamis tqassmet parti minn *sticker* ta' ikona li tirrappreżenta t-tema.
**» 11-13 ta' Mejju**
Ġew iċċelebrati t-tlitt ijiem tal-Kwaranturi Mqaddsa, b'kull ġurnata ta' adorazzjoni solenni tiftaħ b'Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona fid-9.00am, u tagħlaq b'Għasar Solenni fis-6.30pm u Konċelebrazzjoni Solenni dritt wara.
**» 13 ta' Mejju**
**05.00pm:** L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa Pontifikal u wara Purċissjoni Solenni tal-Kwaranturi Mqaddsa madwar it-toroq tal-belt, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjon, u l-kleru sekulari u reliġjuż.
**» 15 ta' Mejju**
**07.30pm:** Is-Sinjura Louise Stanton, il-Kummissarju Għoli Ingliż f'Malta, inawgurat il-wirja kommemorattiva ta' Dun Geoffrey G. Attard, *Elizabeth – Sixty Years of Majesty*, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, bħala parti mill-attivitajiet tas-sitt edizzjoni ta' *Lejlet Lapsi – Notte Gozitana*. Il-Bażilika ħadet sehem b'diversi attivitajiet oħra, fosthom Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Kor *Laudate Pueri*, kif ukoll serata ta' ikel Malti u kant fuq il-bejt tad-Dar Parrokkjali.
**» 20 ta' Mejju**
**11.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, b'suffraġju ta' l-E.T. Dr Ċensu Tabone, li miet f'Marzu. Attendew il-familjari ta' Dr Tabone, fosthom martu Marija.
**» 25 ta' Mejju**
**06.00pm:** Il-Grupp ta' l-Adolexxenti tal-parroċċa ltaqa' fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.
**08.30pm:** Inżamm Barbikju fi Pjazza San Ġorġ mill-Fondazzjoni Belt Victoria bi ġbir ta' fondi għall-bini tal-Mużew il-ġdid tal-Bażilika.
**» 3 ta' Ġunju**
**06.00pm:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, anima bil-kant l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Mark Bonello u Daniel Grech, fil-Katidral ta' Għawdex.
**» 4-9 ta' Ġunju**
L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Pellegrinaġġ Parrokkjali għal San Giovanni Rotondo u Ruma.
**» 6 ta' Ġunju**
**08.00pm:** Fetħet il-ħmistax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival*, b'kunċerti mużikali fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* u fil-Bażilika sat-Tnejn 9 ta' Lulju. Il-Kunċert Inawgurali, bis-sehem ta' l-Orkestra Nazzjonali ta' Malta taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, direttur artistiku tal-Festival, fetaħ ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet tal-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju mill-għoti ta' ġieħ ta' Belt lir-Rabat.
**» 10 ta' Ġunju**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fis-solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. Wara, saret purċissjoni Ewkaristika qasira fil-Pjazza.
**» 15 ta' Ġunju**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fis-solennità tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**» 24 ta' Ġunju**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fis-solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru
**» 30 ta' Ġunju**
**06.00pm:** Bdiet in-Novena ta' San Ġorġ, indirizzata partikularment għall-familji Ġorġjani. It-tema magħżula kienet *Insiru nixbu lil Ġorġi, kif Ġorġi sar jixbah lil Kristu*, u l-partijiet tad-drama wara l-omelija, b'direzzjoni ta' Antonella Zammit u produzzjoni ta' l-Uffiċċju Parrokkjali, kienu miktuba minn Dun Simon M. Cachia. Iċċelebraw il-Quddies tan-Novena, Mons. Ġużeppi Gauci, il-Kan. Dr Joe Zammit u Dun Simon innifsu.



Għall-jiem tal-Festa, din is-sena l-Bażilika kienet **imżejna** bl-ifejn libsa. Barra d-damask mal-pilastri u l-arkati kollha, flimkien mal-bqija ta' l-apparat rikk tal-Festa, intrama s-sett antik ta' brazzi mill-ifjen tal-kristall Boemjan fil-korsija u fil-kappelluni, wara xi tiswijiet meħtieġa u tibdil żgħir li saru fih.




Għall-Festa ta' din is-sena l-parroċċa ħarġet **ktieb ġdid** dwar San Ġorġ għat-tfal. Il-pubblikazzjoni, kollha b'disinni tal-kulur, iġġib l-isem *Il-Qaddis li ssielet mad-Dragun*, u ġiet maqluba mill-Ingliż għall-Malti minn Francesco Pio Attard.

Il-Bażilika rat **xmajjar ta' nies** għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha, sa mit-Tlieta, jum il-ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa.



Il-**Purċissjoni** ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu Ġorġjan, tmexxiet minn Mons. Ġużeppi Gauci, li f'Diċembru li għadda ġie mżejjen bit-titlu ta' Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Għawdex.

